MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 129/2010

ABC pro et noe

**Vs.**

1. DE

2. Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha S A (KI nru. 358093(M)), li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet illi :

1. Hija kellha relazzjoni mal-intimat D E li minnha twieldet il-minorenni S A fl-4 t'Awwissu, 1993;

2. Sakemm il-partijiet kienu ghadhom f'relazzjoni u anke ghal xi zmien wara illi din ir-relazzjoni ntemmet, l-intimat D E dejjem gharaf, anke jekk informalment, lill-

minorenni S A bhala bintu; huwa sahansitra pprova jaghraf lill-istess bintu formalment pero` ma giex hekk permess stante illi ma kienx ghad kellu l-eta` rikjesta mill-ligi.

3. Illum l-intimat D E qieghed jirrifjuta illi jaghraf lill-minorenni S A bhala bintu; dan minkejja illi gie debitament interpellat permezz ta' ittra gudizzjarja datata 8 ta' Frar 2010;

4. L-intimat D E qieghed ukoll jirrifjuta illi jhallas retta alimintarja kwalunkwe versu l-bzonnijiet tal-istess minorenni, inkluz arretrati tal-istess.

**Raguni tat-talba**

1. Ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

***1.*** Tiddikjara okkorrendo permezz ta' periti nominandi, illi l-minorenni S A hija wild naturali u bijologiku tal-intimat D E;

***2.*** Tordna t-tiswijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid relattiv tal-minorenni S A – 3580/1993 – u dan billi minflok il-kliem 'unknown father' fil-kolonna ntestata 'isem u kunjom' magenb il-kliem 'missier it-tarbija' jitnizzel isem u kunjom l-intimat D E u kull tiswija jew annotazzjoni ohra necessarja, u dan flimkien ma' kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghat-tiswijiet hawn rikjesti;

***3.*** Tiffissa retta alimintari xierqa ghall-minorenni S A, inkluz arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-imsemmija minorenni jew minn kull data ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi;

***4.*** Tikkundanna lill-intimat D E jhallas dik ir-retta alimintari stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti skont it-talba

precedenti, inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-imsemmija minorenni jew minn kull data ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi.

***5.*** Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jidrulha idonei fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat D E inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 8 ta' Frar 2010, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku , li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr l hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet gentici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa` l-ewwel talba attrici l-esponenti jinvita lill-intimat D E sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu senjatament (1) l-isem u l-kunjom (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieldet it-tifla, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieldet it-tifla, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tat-tifla Chantelle;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri Chantelle a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suriferit l-esponent jiddikijara li jkun x'ikun l-ezitu tal-ewwel zewg talbiet attrici huwa assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet numru 3, 4 u 5 kif hekk dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa ghandu jigi gudizzjarjament liberat minnhom;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D E li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

**1.** Illi l-ewwel talba hi kontestata, u ghalhekk ir-rikorrenti trid tissodisfa l-elementi kollha rikjesti fil-Kap. 16 biex jigi ppruvat skont il-ligi li l-intimat hu l-missier naturali ta' S A, li llum ghandha **sbatax (17) il-sena.**

**2.** Illi t-tieni talba hi konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk l-ezitu ta' din it-talba hu marbut mad-decizzjoni li ser taghti din l-Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba.

3. Illi t-tielet u r-raba` talba[1] huma irriti u nulli, stante` li ma gietx segwita l-procedura ta' medjazzjoni tassattiva rikjesta <u>qabel ma tinfetah il-kawza</u> kif kontemplat fir-Regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003, u ghalhekk

[1] Fejn qed jintalab il-hlas ta' manteniment ghall-minuri Chantelle Miceli

din l-Onorabbli Qorti ghandha jew tichad it-tielet u r-raba` talba jew tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dan, u f'kaz biss li din l-Onorabbli Qorti tirrigetta t-tielet ecezzjoni, l-intimat m'ghandu jhallas l-ebda manteniment ghal S A.

5. Illi f'kull kaz it-tielet u r-raba` talba huma milquta *in parte* bi preskrizzjoni kwinkwennali skont l-artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi l-kawza odjerna hi wahda **malizzjuza u vessatorja** u saret biss biex tirreka dannu lill-intimat u sabiex ir-rikorrenti tfarrak lill-familja tal-intimat, kif gara liz-zwieg taghha. Dan hu apparenti ghaliex snin ilu l-intimat gie mgharraf mir-rikorrenti li hu kien il-missier naturali ta' S A, sakemm sussegwentement u snin twal ilu wkoll ir-rikorrenti gharrfet lill-intimat li S A hi bint ragel iehor.

7. Illi sussegwentement ir-rikorrenti zzewwget lir-ragel iehor u llum hi separata minnu, u ghalhekk qatghet lill-intimat minn hajjet il-minuri ghal dawn is-snin kollha. Jigi rilevat ukoll li r-rikorrenti ghandha numru ta' wlied, apparentement minn irgiel differenti. Issa ghax l-affarijiet marru hazin fil-hajja taz-zwieg tar-rikorrenti, hi vventilat din l-azzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut D E;

Rat is-sentenza taghha tal-25 ta' Gunju 2012 li permezz taghha iddecidiet it-tielet u l-hames eccezzjonijiet;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri S A f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess bintha l-minuri, sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[2] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat D E bhala missierha naturali minflok ma jibqa' bhala wild ta' *unknown father*.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza preliminari taghha tal-25 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet premessi fejn gie dikjarat li t-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti huma irriti u nulli kif ukoll li t-talba tal-arretrati ta' manteniment hija milquta mill-preskrizzjoni kwinkennali *ai termini* tal-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza odjerna abbazi tal-ewwel u t-tieni talbiet attrici.

**<u>Verzjoni Attrici</u>**

Illi permezz tar-rikors promotur taghha, r-rikorrenti tghid li l-intimat, anke jekk b'mod informali, kien irrikonoxxa li l-minuri hija fattwalment bintu u dan anke wara li r-relazzjoni ta' bejniethom intemmet. Tant hu hekk li l-istess intimat kien ittenta jirrikonoxxi lill-istess minuri izda minhabba l-eta' tar-rikorrenti, dan ma kienx permess lilu. Sussegwentement, wara numru ta' snin, ir-rikorrenti intavolat ittra ufficjali datata t-8 ta' Frar 2010[3] u li permezz taghha interpellat lill-intimat sabiex jirrikonoxxi lill-istess minuri bhala bintu izda hu baqa' inadempjenti.

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat meta' kellha biss tnax-il sena filwaqt li l-intimat kellu hmistax-il sena. Ta' l-eta' ta' tlettax-il sena kienet harget tqila bil-minuri Chantelle, liema tqala kienet ta' sorpriza ghaz-zewg partijiet. Ir-rikorrenti ssostni li l-intimat kien l-ewwel guvni taghha u li ma kellha relazzjoni ma' hadd aktar dak iz-zmien. Tghid li l-intimat kien prezenti ghat-twelid tat-tarbija u terga' tikkonferma li kien hemm tentattiv sabiex ic-certifikat tat-twelid tal-minuri jkun jindika lill-intimat bhala l-missier naturali izda dan ma setax isir

---

[2] Esebit a fol 4 tal-process
[3] Ara a fol 8 tal-process

peress li l-intimat ma kienx ghadu ghalaq l-eta' ta' tmintax-il sena. Ir-rikorrenti tesebixxi wkoll numru ta' kartolini li inghataw mill-partijiet lill-minuri kif ukoll set ta' ritratti (inkluz dawk tal-maghmudija) li juru liz-zewg partijiet flimkien mat-tarbija.

Ir-relazzjoni damet sejra sakemm il-minuri kienet waslet biex taghlaq sentejn. Minkejja li wara li hassru r-relazzjoni taghhom l-intimat baqa' jmur jara t-tifla u jmantniha wkoll, maz-zmien kollox waqaf. Tirrakkonta kif il-minuri, mal-medda taz-zmien, bdiet tistaqsi fuq missierha u xtaqet li c-certifikat tat-twelid taghha ma jibqax jindika li hija bint missier mhux maghruf. Kien biss meta t-tifla tfarfret sew li r-rikorrenti intavolat l-ittra ufficjali sabiex l-intimat jersaq ghar-rikonoxximent ta' bintu, liema rikonoxximent ovvjament baqa' qatt ma sar u konsegwentement kellha tinfetah il-kawza odjerna.

**<u>Verzjoni tal-Intimat</u>**

L-intimat jikkonferma l-etajiet teneri taghhom meta r-rikorrenti harget tqila bil-minuri izda jghid li dak iz-zmien ma kellux dubju fuq il-paternita' tal-istess minuri. Jikkonferma wkoll li fiz-zmien meta twieldet il-minuri, refa' r-responsabbilita' kollha tal-istess bintu u kien jaghmel hiltu biex jaccerta ruhu li bintu ma kien jonqosha xejn. L-intimat jikkonferma wkoll li kien sar tentattiv da parti tieghu sabiex jirrikonoxxi lill-istess tarbija bhala bintu naturali izda dan ma kienx possibbli peress li kien ghadu taht l-eta'.

L-intimat izda ma jaqbilx mal-verzjoni tar-rikorrenti ghal dak li hu relatat ma' guvintur ohra, ghaliex isemmi li kien hemm guvintur ohra qablu li hargu mar-rikorrenti. Sussegwentement, wara li r-relazzjoni taghhom spiccat u wara li skond dak li jsemmi l-intimat kien hemm xi kwistjoni ta' flus bejniethom li kien sellef lill-istess rikorrenti, din tal-ahhar infurmatu li t-tarbija ma kienitx tieghu ghal darba darbtejn. Meta staqsiha min kien missier it-tarbija, t-twegiba li taghtu kienet dik li mhux affari tieghu. Kien f'dan il-perjodu li l-intimat waqaf imur jara lit-tifla ghax hass li ma kienx jaghmel sens li jmur jara tifla, bint haddiehor. Biex jaqta' l-kuntatt mar-rikorrenti, l-

intimat accetta wkoll li jirrifondi lura s-somma ta' Lm110 li kien qed izomm f'kont u li kienu l-flus li qalghet l-istess minuri fil-maghmudija. Peress li r-rikorrenti talbitu dawn il-flus, l-intimat accetta fuq il-kondizzjoni li r-rikorrenti ma tersaqx lejh aktar[4].

Ghadda z-zmien u l-intimat haseb li dan kien kapitolu maghluq f'hajtu u jsemmi wkoll li certu Noki B isemmi lill-minuri Chantelle bhala bintu[5]. Wara snin twal fejn l-intimat gie mgieghel jahseb li l-minuri m'hijiex bint l-intimat, l-attrici regghet avvicinat ruhha biex tghidlu li fattwalment il-minuri hija bintu. Din l-informazzjoni hawditu mhux ftit izda jghid li l-intenzjoni taghha hija marbuta biss mal-flus u biex tohloqlu l-inkwiet ma' martu.

**<u>Il-Kaz Odjern</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghal numru ta' affidavits li tipprezenta l-attrici li bil-mod taghhom kollha jikkonfermaw li fil-bidu, meta kienet ghadha kif twieldet it-tarbija u ghal xi zmien wara, l-intimat kien prezenti kemm f'hajjet ir-rikorrenti kif ukoll fil-hajja tal-istess tarbija. Uhud mix-xhieda jikkonfermaw il-prezenza tal-intimat fit-twelid tal-istess minuri u jikkonfermaw ukoll li hekk kif l-intimat beda johrog mal-mara tieghu, il-kuntatt mal-minuri nqata' ghal kollox. Il-Qorti tifhem li hemm qbil li l-intimat, ghall-anqas sa' sentejn wara t-twelid tat-tarbija, ma kellu ebda dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Skond it-tezi tieghu, dan id-dubju ghamlitulu r-rikorrenti stess meta ghal darba darbtejn irriteniet li mhux il-missier tat-tarbija. Min-naha taghha r-rikorrenti ssostni li l-bidla fl-attitudni lejn il-minuri saret meta l-intimat iltaqa' mal-mara tieghu. Il-kwistjoni kollha dwar ir-raguni ghaliex l-intimat qata' l-kuntatt mar-rikorrenti hija ta' ftit importanza ghall-mertu tal-kaz odjern, hlief ghad-decizjoni tal-kap tal-ispejjez. Il-Qorti hija tal-fehma li kienet x'kienet ir-raguni ghaliex il-kuntatt bejn l-intimat u l-minuri nqata', fil-verita' l-mertu tal-kawza odjerna seta' facilment gie solvut numru ta' snin ilu billi jsiru t-testijiet necessarji fiz-zmien relattiv u mhux wara

[4] Ara Dok. EM1 esebit a fol 69 tal-process
[5] Ara Dok. NM2 esebita fol 70 tal-process

dawn is-snin kollha. Il-Qorti tara li kien hemm nuqqas da parti taz-zewg partijiet u dan *stante* li r-rikorrenti hadet numru ta' snin mhux hazin qabel ma ntavolat l-ittra ufficjali li permezz taghha interpellat lill-intimat sabiex jirrikonoxxi bhala bintu naturali lil Chantelle u min-naha l-ohra l-intimat ma missux qaghad fuq il-kelma tar-rikorrenti li biddlet il-verzjoni dwar il-paternita' ta' bintha. Ma missux stenna daqshekk zmien jghaddi biex jaccetta li jsir DNA test.

Illi l-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju m'hemm ebda eccezzjonijiet ta' natura procedurali jew ta' natura preliminari izda kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk ir-rikorrenti rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-minuri S A. L-istess jista' jinghad ghall-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat D E li minkejja li jaghti retro-xena fejn skond it-tezi tieghu, ir-rikorrenti l-ewwel qaltlu li l-minuri kienet bintu u mbaghad sussegwentement biddlet il-verzjoni taghha, l-eccezzjonijiet rimanenti tieghu jibqghu dejjem iduru skond il-mertu tal-kaz u cioe' l-paternita' tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva li l-attrici irnexxilha tipprova l-paternita' tal-minuri u konsegwentement it-talbiet taghha gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi permezz tat-test tad-DNA esebit in atti[6] li juri verament li l-minuri hija l-wild naturali tal-intimat D E. Dan qieghed jinghad ovvjament ghaliex it-test xjentifiku ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri u konsegwentement tali DNA test huwa l-prova regina fi kwistjonijiet ta' din in-natura.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri S A hija l-wild naturali u biologiku tal-intimat D E;

(2) Tilqa' t-tieni talba hekk kif dedotta billi tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-

[6] Esebit a fol 141 tal-process

korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri S A bin-numru 3580/1993 billi minflok il-kliem ‘unknown father’ fil-kolonna ntestata ‘isem u kunjom’ magenb il-kliem ‘missier it-tarbija’ jitnizzel isem u kunjom l-intimat D E li ghandu l-karta tal-identita’ numru 25077M, iben X E li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kien haj, l-eta’ li kellu l-intimat meta twieldet il-minuri kienet dik ta’ sittax-il sena, huwa mwieled il-Pieta’ u meta twieldet l-istess minuri kien residenti f’24, Triq Simmons Tarxien.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet; b’dan illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku m’ghandux ibaghti spejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------